STOP VIOLENCE

Commission on Gender-based Violence and Domestic Violence

# MALTA'S NATIONAL STRATEGY ON GENDER-BASED VIOLENCE AND DOMESTIC VIOLENCE 2021-2022

# MALTA'S
# NATIONAL STRATEGY
## ON GENDER-BASED VIOLENCE AND DOMESTIC VIOLENCE
## 2021-2022

STOP VIOLENCE

Commission on Gender-based Violence and Domestic Violence

www.stopviolence.gov.mt

# Message from the Minister



Hon. Dr. Edward Zammit Lewis

Minister for Justice, Equality and Governance

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza

The Ministry under my responsibility is committed towards combatting gender-based violence and domestic violence through the strengthening of legal measures and policy development, together with the enhancement of the services provided. This is all being performed in the framework of the Istanbul Convention of the Council of Europe that Malta signed and ratified in 2014.

Over the last years, this Government adopted various initiatives and implemented a number of measures aimed at addressing gender-based violence and domestic violence. Particularly in the initial stages of the COVID-19 pandemic in 2020, I ensured that strengthening and reinforcing the work related to Gender-based Violence and Domestic Violence Action was placed high on the agenda.

I also note that in 2020 Ms. Audrey Friggieri was appointed as the first full-time Commissioner on Gender-based and Domestic Violence, and this highlighted the Government's aim of eliminating the social plague of gender-based and domestic violence. Moreover, many other initiatives were taken, namely:

- The introduction of 24/7 free legal assistance for all victims by the Legal Aid Agency;
- The setting up of the Gender-based and Domestic Unit Violence within the Malta Police Force to ensure that persons filing a report on domestic violence receive immediate attention and protection;
- Various awareness-raising campaigns targeting the general public;
- The yearly commitment in commemorating the '16 Days of Activism' campaign by the United Nations, which last year was held under the distinguished patronage of Dr Lydia Abela, spouse of the Prime Minister.

The 2021-2022 National Strategy on Gender-Based Violence and Domestic Violence shall continue consolidating the hard work achieved from the first-ever national strategy of 2018-2020.

This new strategy aims to keep on implementing the recommendations of the Group of Experts on Action against Violence against Women and Domestic Violence (GREVIO), which were agreed upon with the focal points from various Ministries sitting on the Inter-Ministerial Committee for the implementation of the enclosed action plan.

Through this 2021-2022 National Strategy, together with the Parliamentary Secretary for Civil Liberties and Reforms, Rosianne Cutajar, I shall continue overseeing the developments in the fight against gender-based violence and domestic violence. I hereby also recognise the holistic efforts of the Maltese Government through the work of its various Ministries functioning in the established Inter-Ministerial Committee.

I conclude by reaffirming my position on the importance of the continuous implementation of reforms which this Ministry is synonymous with, especially in the field of equality for all and in all aspects.

# Messaġġ mill-Ministru

*Il-Ministeru taħt ir-responsabbiltà tiegħi huwa impenjat lejn il-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika permezz tat-tisħiħ ta' miżuri legali u l-iżvilupp ta' politika, flimkien mat-tisħiħ tas-servizzi pprovduti. Dan kollu qed jitwettaq fil-qafas tal-Konvenzjoni ta' Istanbul tal-Kunsill tal-Ewropa li Malta ffirmat u rratifikat fl-2014.*

*Matul dawn l-aħħar snin, dan il-Gvern adotta diversi inizjattivi u implimenta għadd ta' miżuri mmirati lejn l-indirizzar ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u vjolenza domestika. B'mod partikolari fl-istadji inizjali tal-pandemija tal-COVID-19 fl-2020, jiena żgurajt li t-tisħiħ u l-infurzar tal-ħidma relatata mal-Azzjoni fir-rigward tal-Vjolenza abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika jitqiegħdu fuq quddiem nett fl-aġenda.*

*Jiena ninnota wkoll li fl-2020, is-Sinjura Audrey Friggieri ġiet maħtura bħala l-ewwel Kummissarju* full-time *għall-Vjolenza abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika, u dan enfasizza l-għan tal-gvern li jelimina l-pjaga soċjali tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika. Barra minn hekk, ittieħdu diversi inizjattivi oħra, b'mod partikolari:*

- *L-introduzzjoni ta' assistenza legali 24 siegħa kuljum, mingħajr ħlas, għall-vittmi kollha mill-Aġenzija għall-Għajnuna Legali;*
- *It-twaqqif ta' Taqsima għall-Vjolenza abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika fi ħdan il-Forza tal-Pulizija ta' Malta biex ikun żgurat li persuni li jagħmlu rapport dwar vjolenza domestika jirċievu attenzjoni u protezzjoni immedjata;*
- *Diversi kampanji għarfien immirati lejn il-pubbliku ġenerali;*
- *L-impenn ta' kull sena b'tifkira tal-kampanja "16-il Jum ta' Attiviżmu" min-Nazzjonijiet Uniti, li s-sena l-oħra ġiet organizzata taħt il-patroċinju distint ta' Dr Lydia Abela, il-mara tal-Prim Ministru.*

*L-Istrateġija Nazzjonali dwar il-Vjolenza abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika għall-2021-2022 għandha tkompli tikkonsolida x-xogħol siewi li nkiseb mill-ewwel strateġija nazzjonali tal-2018-2020.*

*Din l-istrateġija l-ġdida għandha l-għan li tkompli timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Azzjoni kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (GREVIO), li ġew miftiehma mal-punti fokali mid-diversi Ministeri li jiffurmaw il-Kumitat Inter-Ministerjali għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni mehmuż.*

*Permezz ta' din l-Istrateġija Nazzjonali għall-2021-2022, flimkien mas-Segretarju Parlamentari għal-Libertajiet Ċivili u r-Riformi, Rosianne Cutajar, jiena se nkompli nissorvelja l-iżviluppi fil-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika. Jiena hawnhekk nirrikonoxxi wkoll l-isforzi olistiċi tal-Gvern Malti permezz tal-ħidma tad-diversi Ministeri tiegħu li jiffunzjonaw fil-Kumitat Inter-Ministerjali stabbilit.*

*Jiena nikkonkludi billi nafferma mill-ġdid il-pożizzjoni tiegħi dwar l-importanza tal-implimentazzjoni kontinwa ta' riformi li dan il-Ministeru huwa assoċjat magħhom, b'mod speċjali fil-qasam tal-ugwaljanza għal kulħadd u fl-aspetti kollha.*

# Message from Dr. Lydia Abela



Dr. Lydia Abela

A strategy is paramount for every aspect of policymaking. A plan is needed to give direction and set aims and deliverables. A successful process requires not only clear vision but also good implementation.

However, this particular strategy needs something more. It needs love and compassion in its implementation.

In my experience, working closely with victims of domestic violence, there is one element which is more important than anything else — a successful service depends on how the person dealing with the victim uses their heart as much as their mind.

When I visited the Malta Police Force's specialised unit some months ago, I could see that while the increased investment had had a really positive impact, it was the team's sensitivity which had made a significant difference for those individuals passing through a difficult moment.

Domestic violence victims are not mere statistics. They need efficient access to services with a one-stop-shop approach. The streamlining of Legal Aid, Appoġġ and the Malta Police Force's services through the signature of a memorandum of understanding has been a crucial development.

The launch of a specialised, free, 24/7 legal assistance service for such victims, through Legal Aid Malta and the enhanced national helpline 179, is further evidence that our country is dealing with this challenge in a most effective way.

But in a dynamic society, experiencing constant change, the authorities should not rest on their laurels, and that is why publishing an updated strategy is the correct thing to do.

This second national strategy highlights the Maltese Government's effort to address the reality of gender-based and domestic violence in Malta through effective policy and tangible action.

This strategy aims at putting forward policy measures based on several GREVIO recommendations while upholding the four pillars established by the Istanbul Convention: prevention, protection, prosecution, and integrated policies on Gender-Based Violence (GBV) and Domestic Violence (DV).

The strategy includes the development of research on children witnessing or experiencing domestic violence, action to better understand the operational aspects of the justice system for victims of GBV and DV, as well as providing specialised training programmes for professionals based on training needs analysis with relevant stakeholders.
It also emphasises the need for multi-agency, multi-disciplinary cooperation and collaboration between governmental and non-governmental entities so as to strengthen services that address this phenomenon.

I look forward to the implementation of this strategy as I have no doubt that it will be meaningful to people's lives.

The more love we put into the delivery of this strategy, the greater the results will be. The legacy shall be a country which addresses the social realities of hundreds of people, sensitively and intelligently.

# Messaġġ minn Dr. Lydia Abela

*Strateġija hija ta' importanza kbira għal kull aspett tat-tfassil tal-politika. Pjan huwa meħtieġ sabiex jagħti direzzjoni u jistabbilixxi għanijiet u riżultati. Proċess li jirnexxi jirrikjedi mhux biss viżjoni ċara, iżda anke implimentazzjoni tajba.*

*Madankollu, din l-istrateġija partikolari teħtieġ xi ħaġa oħra. Teħtieġ l-imħabba u l-kompassjoni fl-implimentazzjoni tagħha.*

*Fl-esperjenza tiegħi, fejn ħdimt mill-qrib ma' vittmi ta' vjolenza domestika, hemm element wieħed li huwa aktar importanti minn kwalunwe ħaġa oħra – servizz li jirnexxi jiddependi fuq kif il-persuna li qed tittratta mal-vittma tuża qalbha daqskemm tuża moħħha.*

*Meta żort it-taqsima speċjalizzata tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta ftit xhur ilu, stajt nara li, filwaqt li ż-żieda fl-investiment kellha impatt verament pożittiv, kienet is-sensittività tat-tim li għamlet differenza sinifikanti għal dawk l-individwi li kienu għaddejjin minn mument diffiċli.*

*Il-vittmi ta' vjolenza domestika mhumiex sempliċement parti minn statistika. Huma jeħtieġu aċċess effiċjenti għal servizzi b'approċċ ta' one-stop-shop. Is-simplifikazzjoni tas-servizzi tal-Għajnuna Legali, l-Aġenzija Appoġġ u l-Korp tal-Pulizija ta' Malta permezz tal-iffirmar ta' memorandum ta' qbil kien żvilupp kruċjali.*

*It-tnedija ta' servizz ta' għajnuna legali speċjalizzat, bla ħlas u miftuħ 24 siegħa kuljum għal dawn il-vittmi, permezz ta' Għajnuna Legali Malta u l-helpline nazzjonali mtejjeb 179, huwa prova ulterjuri li pajjiżna qed jindirizza din l-isfida b'mod mill-aktar effettiv.*

*Madankollu, f'soċjetà dinamika, li tesperjenza bidla kostanti, l-awtoritajiet m'għandhomx jistrieħu fuq il-kisbiet tagħhom, u għalhekk, il-pubblikazzjoni ta' strateġija aġġornata hija l-aħjar ħaġa li tista' ssir.*

*Din it-tieni strateġija nazzjonali tenfasizza l-isforz tal-Gvern Malti li jindirizza r-realtà tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika f'Malta permezz ta' politika effettiva u azzjoni tanġibbli.*

*Din l-istrateġija għandha l-għan li tressaq miżuri ta' politika bbażati fuq diversi rakkomandazzjonijiet tal-GREVIO, filwaqt li tosserva l-erba' pilastri stabbiliti mill-Konvenzjoni ta' Istanbul: il-prevenzjoni, il-protezzjoni, il-prosekuzzjoni u l-politiki integrati dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru (GBV-Gender-Based Violence) u l-Vjolenza Domestika (DV-Domestic Violence).*

*L-istrateġija tinkludi l-iżvilupp ta' riċerka dwar tfal li jesperjenzaw jew ikunu xhieda ta' vjolenza domestika, azzjoni biex jiġu mifhuma aħjar l-aspetti operattivi tas-sistema ġudizzjarja għal vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u vjolenza domestika, kif ukoll tipprovdi programmi ta' taħriġ speċjalizzati għal professjonisti bbażati fuq l-analiżi tal-ħtiġijiet tat-taħriġ ma' partijiet interessati rilevanti.*

*Tenfasizza wkoll il-ħtieġa għal kooperazzjoni u kollaborazzjoni multidixxiplinari u bejn diversi aġenziji, bejn entitajiet governattivi u mhux governattivi, sabiex jissaħħu s-servizzi li jindirizzaw dan il-fenomenu.*

*Jiena nistenna bil-ħerqa l-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija għaliex m'għandix dubju li se tkun verament sinifikanti għall-ħajjiet tan-nies.*

*Aktar ma nwasslu din l-istrateġija b'imħabba, aktar seniksbu riżultati. Il-legat għandu jkun pajjiż li jindirizza r-realtajiet soċjali ta' mijiet ta' persuni, b'sensittività u intelliġenza.*

# Message from the Commissioner



Ms. Audrey Friggieri

Commissioner

Kummissarju

The Commission on Gender-based Violence and Domestic Violence is committed to enhance the implementation of the Istanbul Convention in combating all forms of gender-based violence and domestic violence. The changes in our way of life that have been brought about by the coronavirus pandemic have rendered us more sensitive than ever to the danger that people in abusive relationships could be in due to increased time spent near their abuser. The importance of protecting persons living in abusive relationships and striving to eliminate domestic violence once and for all has never been felt so poignantly.

During this challenging time, the Commission is pleased to have initiated and participated in various initiatives targeted at safeguarding families, groups and individuals at risk of gender-based violence and domestic violence. I would like to thank all government entities and NGOs working in the field of gender-based and domestic violence for their dedication in stepping up and adjusting service procedures in such a way that, whilst respecting safety measures, all those seeking help could effectively receive it.

This strategy and action plan for the period of 2021-2022 will serve to strengthen and build on the structures in place that address the four pillars of the Istanbul Convention such that the phenomenon of gender-based violence and domestic violence in Malta will be addressed consistently and holistically. This includes the design of focused programmes aimed at engaging with perpetrators and addressing their harmful attitudes and behaviours.

We need to make it clear in our country that violence is not a private matter and that it affects all of society. We also need to keep striving towards more multi-agency coordination and cooperation to ensure that people find and receive the help they need when they reach out for it. We all need to keep visualising and working towards a society where everybody feels safe in the knowledge that fundamental human rights are respected.

# Messaġġ mill-Kummissarju

*Il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika hija impenjata li ssaħħaħ l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Istanbul fil-ġlieda kontra l-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u vjolenza domestika. It-tibdil fil-mod kif ngħixu li rriżulta mill-pandemija tal-coronavirus wassal biex inkunu aktar sensittivi minn qatt qabel għall-periklu li persuni f'relazzjonijiet abbużivi jistgħu jkunu fih minħabba li jqattgħu aktar ħin viċin min jabbużahom. L-importanza li jiġu protetti persuni li qed jgħixu f'relazzjonijiet abbużivi u li nħabirku biex neliminaw il-vjolenza domestika darba għal dejjem qatt ma nħasset b'mod daqshekk profond.*

*Matul dan iż-żmien ta' sfida, il-Kummissjoni hija kuntenta li bdiet u pparteċipat f'diversi inizjattivi mmirati lejn is-salvagwardja ta' familji, gruppi u individwi f'riskju ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u vjolenza domestika. Nixtieq nirringrazzja lill-entitajiet kollha tal-gvern u lill-NGOs li qed jaħdmu fil-qasam tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika għad-dedikazzjoni tagħhom fit-tisħiħ ta' proċeduri ta' servizzi u l-aġġustament tagħhom b'tali mod li, filwaqt li jiġu rrispettati l-miżuri ta' sikurezza, dawk kollha li jfittxu l-għajnuna jistgħu jirċevuha b'mod effettiv.*

*Din l-istrateġija u dan il-pjan ta' azzjoni għall-perjodu ta' 2021-2022 se jservu biex isaħħu u jibnu fuq l-istrutturi fis-seħħ li jindirizzaw l-erba' pilastri tal-Konvenzjoni ta' Istanbul b'tali mod li l-fenomenu tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika f'Malta jiġi indirizzat b'mod konsistenti u olistiku. Dan jinkludi t-tfassil ta' programmi ffokati li huma mmirati lejn l-involviment ma' awturi tar-reat u l-indirizzar tal-attitudnijiet u l-imġiba ta' ħsara tagħhom.*

*Nixtiequ nagħmluha ċara fil-pajjiż tagħna li l-vjolenza mhijiex kwistjoni privata u li taffettwa lis-soċjetà kollha. Aħna nixtiequ wkoll inħabirku lejn koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn diversi aġenziji biex niżguraw li n-nies isibu u jirċievu l-għajnuna li jeħtieġu meta jfittxuha. Jeħtieġ li kollha kemm aħna nivviżwalizzaw u naħdmu lejn soċjetà fejn kulħadd iħossu sikur għaliex jaf li d-drittijiet tal-bniedem fundamentali huma rrispettati.*

# Acronyms / *Akronimi*

| | |
|---|---|
| AG | Office of the Attorney General |
| CDV | Commission on Gender-Based Violence and Domestic Violence |
| CSA | Court Services Agency |
| DoJ | Department of Justice |
| DPP | Department of Probation and Parole |
| EIGE | European Institute for Gender Equality |
| EU | European Union |
| FGM | Female Genital Mutilation |
| FSWS | Foundation for Social Welfare Services |
| GBV & DV | Gender-Based Violence and Domestic Violence |
| GREVIO | Group of Experts on Action against Violence against Women and Domestic Violence |
| HRD | Human Rights Directorate |
| IMC | Interministerial Committee |
| LGBTI+ | Lesbian, Gay, Bisexual, Trans, Intersex and Queer |
| MARAM | Multi-Agency Risk Assessment Meeting |
| MCAST | Malta College of Arts, Science and Technology |
| MFED | Ministry for Education and Employment |
| MfH | Ministry for Health |
| MHSE | Ministry for Home Affairs, National Security and Law Enforcement |
| MJEG | Ministry for Justice, Equality and Governance |
| MPF | Malta Police Force |
| NGO | Non-Governmental Organisation |
| NSO | National Statistics Office |
| UoM | University of Malta |

# Table of Contents

A. Introduction ....................................................................10

B. Coordination and Implementation ...............................12

C. Measures implemented during COVID ........................14

D. The Action Plan for 2021-2022 ......................................20

1. Integrated policies and data collection
2. Prevention
3. Protection and support
4. Prosecution

E. List of expected outcomes for 2021-2022 ................38

F. Monitoring and Evaluation ............................................40

# *Werrej*

A. Introduzzjoni ....................................................................10

B. Koordinazzjoni u Implimentazzjoni ...............................12

C. Miżuri implimentati waqt COVID...................................14

D.Il-Pjan ta'Azzjoni għall-2021-2022....................................20

1. Politiki integrati u ġbir ta' data
2. Prevenzjoni
3. Protezzjoni u appoġġ
4. Prosekuzzjoni

E. Lista ta' eżiti mistennija għall-2021-2022................. 38

F. Monitoraġġ u Evalwazzjoni ............................................40

# A. Introduction

Malta's first national strategy to address gender-based violence and domestic violence brought together a number of government ministries and entities as well as non-governmental organisations with a focus on strengthening legal and policy measures and service provision for persons experiencing such violence. The 2018-2020 strategy was built on the four pillars of the Istanbul Convention: (i) prevention, (ii) protection, (iii) prosecution and (iv) integrated policies. Therefore, policy measures were developed to strengthen the need for coordination among the various stakeholders; the effective protection of victims and solid awareness-raising campaigns targeting the general public.

In 2019, Malta submitted its first country report to the Group of Experts on Action against Violence against Women and Domestic Violence (GREVIO), which is the international body responsible for monitoring the implementation of the Istanbul Convention in all State Parties. A visit by the GREVIO delegation took place in February 2020 as part of the evaluation process. The final GREVIO recommendations for Malta were published on the Council of Europe's website in November 2020. These recommendations ensure that Malta will continue its commitment towards the implementation of the Istanbul Convention through legislation, policy and service provision.

# *A. Introduzzjoni*

*L-ewwel strateġija nazzjonali ta' Malta biex jiġu indirizzati l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika ġabet flimkien għadd ta' ministeri u entitajiet tal-gvern kif ukoll organizzazzjonijiet mhux governattivi b'fokus fuq it-tisħiħ ta' miżuri legali u politiċi u l-provvediment ta' servizz għal persuni li jesperjenzaw vjolenza bħal din. L-istrateġija tal-2018-2020 kienet mibnija fuq l-erba' pilastri tal-Konvenzjoni ta' Istanbul: (i) il-prevenzjoni, (ii) il-protezzjoni, (iii) il-prosekuzzjoni u (iv) politiki integrati. Għalhekk, ġew żviluppati miżuri ta' politika biex tissaħħaħ il-ħtieġa għal koordinazzjoni fost id-diversi partijiet interessati, il-protezzjoni effettiva ta' vittmi u kampanji t'għarfien solidi mmirati lejn il-pubbliku ġenerali.*

*Fl-2019, Malta ppreżentat l-ewwel rapport tal-pajjiż lill-Grupp ta' Esperti dwar l-Azzjoni kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (GREVIO), li huwa l-korp internazzjonali responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Istanbul fl-Istati Partijiet kollha. Fi Frar tal-2020 saret żjara mid-delegazzjoni GREVIO bħala parti mill-proċess ta' evalwazzjoni. Ir-rakkomandazzjonijiet finali ta' GREVIO għal Malta ġew ippubblikati fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill tal-Ewropa f'Novembru 2020. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jiżguraw li Malta tkompli bl-impenn tagħha lejn l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Istanbul permezz ta' leġiżlazzjoni, politika u provvediment ta' servizz.*




Launch of first national strategy

*Tnedija tal-ewwel strateġija nazzjonali*

Malta's second national strategy '**The Gender-Based Violence and Domestic Violence Strategy and Action Plan 2021–2022'** was developed by the Commission on Gender-Based Violence and Domestic Violence in collaboration with the Interministerial Committee.

*It-tieni strateġija nazzjonali ta' Malta **"L-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni għall-2021–2022 dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika"** ġiet żviluppata mill-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika f'kollaborazzjoni mal-Kumitat Interministerjali.*

# B. Coordination and Implementation

## B1. The strategy implementation coordinator

The Commission on Gender-Based Violence and Domestic Violence is the coordinating body as stipulated by Article 10 of the Istanbul Convention. It is therefore tasked with coordinating, implementing, monitoring and evaluating policies to prevent and combat all forms of GBV and DV. It is also responsible for coordinating data, analysing and disseminating its results.

## B2. The Interministerial Committee

The coordination and implementation of this strategy will be carried out by the focal points representative of the various ministries and entities. This committee is chaired by the Commission on Gender-Based Violence and Domestic Violence with representatives from the Human Rights Directorate (MJEG), the Department of Justice (MJEG), the Office of the Attorney General, the Malta Police Force (MHSE), the Department for Probation and Parole (MHSE), the Ministry for Health, the National School Support Services and the Directorate for Learning Assessment and Programmes (MFED), the Legal Aid Agency (MJEG), the Court Services Agency (MJEG) and the Foundation for Social Welfare Services (MFCS). These main stakeholders come together to discuss policy development and service provision as well as disseminate good practices for preventing GBV and DV and strengthening support services.

# B. Koordinazzjoni u Implimentazzjoni

## B1. Il-koordinatur tal-implimentazzjoni tal-istrateġija

*Il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika hija l-ewwel korp ta' koordinazzjoni kif stipulat mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni ta' Istanbul. Għalhekk tingħata l-kompitu li tikkoordina, timplimenta, timmonitorja u tevalwa politiki li jipprevjenu u jiġġieldu kontra l-forom kollha ta' GBV u DV. Hija responsabbli wkoll għall-koordinazzjoni ta' data, u l-analiżi u t-tixrid tar-riżultati tagħha.*

## B2. Il-Kumitat Interministerjali

*Il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija se jitwettqu mill-punti fokali rappreżentattivi tad-diversi ministeri u entitajiet. Dan il-kumitat huwa ppresedut mill-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika b'rappreżentanti mid-Direttorat tad-Drittijiet tal-Bniedem (MJEG), id-Dipartiment tal-Ġustizzja (MJEG), l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, Il-Forza tal-Pulizija ta' Malta u d-Dipartiment għall-Probation u l-Parole (MHSE), il-Ministeru għas-Saħħa, is-Servizzi Nazzjonali ta' Appoġġ għall-Iskejjel u d-Direttorat għall-Valutazzjoni u l-Programmi tat-Tagħlim (MFED), l-Aġenzija għall-Għajnuna Legali, l-Aġenzija tas-Servizzi tal-Qorti u l-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Assistenza Soċjali. Dawn il-partijiet interessati ewlenin jiġu flimkien biex jiddiskutu l-iżvilupp ta' politika u l-provvediment ta' servizz kif ukoll biex ixerrdu prattiki tajba għall-prevenzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru/vjolenza domestika u t-tisħiħ tas-servizzi soċjali.*



Launch of first national strategy

*Tnedija tal-ewwel strateġija nazzjonali*

## B3. Implementation processes

The implementation, monitoring and evaluation of **'Society's Concern: Gender-Based Violence and Domestic Violence Strategy and Action Plan'** were carried out through the Interministerial Committee. As outlined in the strategy, the focal persons from the respective ministries and entities were contacted every quarter to report on the progress of the policy measures falling under their remit.

The Commission on Gender-Based Violence and Domestic Violence together with the Interministerial Committee will continue to coordinate the implementation of Malta's second national strategy for 2021–2022.

## B3. Proċessi ta' implimentazzjoni

*L-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta'* ***"It-Tħassib tas-Soċjetà: L-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika"*** *twettqu permezz tal-Kumitat Interministerjali. Kif deskritt fl-istrateġija, il-persuni fokali mill-ministeri u l-entitajiet rispettivi ġew ikkuntattjati kull tliet xhur biex jirrapportaw dwar il-progress tal-miżuri ta' politika li jaqgħu taħt il-mandat tagħhom.*

*Il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika flimkien mal-Kumitat Interministerjali se tkompli tikkoordina l-implimentazzjoni tat-tieni strateġija nazzjonali ta' Malta għall-2021–2022.*

# C. Measures implemented during COVID

During the COVID-19 pandemic, whilst restrictive measures were being imposed, the Maltese Government was committed to continue the delivery of services for victims of gender-based violence and domestic violence. In response to the restrictive measures ordered by the Superintendent of Public Health on the 16th of March 2020, national services and services offered by NGOs needed to alter their service delivery.

The introduction of safety precautions brought about a shift from face-to-face interventions to phone and online contact to ensure the continued delivery of support services throughout the COVID-19 pandemic. The restrictive measures ordered also resulted in the closure of the Courts of Justice from the 16th of March till the end of June 2020. Nevertheless, the Courts were given the power to order the hearing of urgent cases which included cases of domestic violence. Moreover, risk assessments were still carried out by the domestic violence risk assessors at the police stations when a person filed a domestic violence report at the district stations. Alternatively, risk assessments were also carried online to ensure that preventive and safety measures were adhered to.

In order to address the heightened risk for victims of domestic violence who were trapped indoors with their abusers, new services were launched. The Legal Aid Agency introduced free 24/7 legal assistance specifically for victims of domestic violence. A Memorandum of Understanding was also signed between the Malta Police Force, the Legal Aid Agency and the Foundation for Social Welfare Services to ensure that victims of gender-based violence and domestic violence receive adequate psychosocial and legal services as well as the necessary protection. Moreover, the Ministry for Social Accommodation extended its Private Rent Housing Benefit Scheme to victims of domestic violence, thus giving them

# C. Miżuri implimentati waqt il-COVID

*Matul il-pandemija tal-COVID-19, filwaqt li kienu qed jiġu imposti miżuri restrittivi, il-Gvern Malti kien impenjat li jkompli jipprovdi servizzi għall-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u vjolenza domestika. B'reazzjoni għall-miżuri restrittivi ordnati mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika fis-16 ta' Marzu 2020, kien meħtieġ li servizzi nazzjonali u servizzi offruti minn NGOs ibiddlu l-provvista tas-servizz tagħhom.*

*L-introduzzjoni ta' prekawzjonijiet ta' sikurezza rriżultat f'bidla minn interventi wiċċ imb wiċċ għal kuntatt bit-telefon u onlajn biex tkun żgurata l-provvista kontinwa ta' servizzi ta' appoġġ matul il-pandemija tal-COVID-19. Il-miżuri restrittivi ordnati rriżultaw ukoll fl-għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja mis-16 ta' Marzu sal-aħħar ta' Ġunju 2020. Madankollu, il-Qrati ngħataw is-setgħa li jordnaw is-smigħ ta' każijiet urġenti li kienu jinkludu każijiet ta' vjolenza domestika. Barra minn hekk, valutazzjonijiet tar-riskju xorta twettqu mill-assessuri tar-riskju ta' vjolenza domestika fl-istazzjonijiet tal-pulizija meta persuna għamlet rapport ta' vjolenza domestika fl-istazzjonijiet tad-distrett. B'mod alternattiv, twettqu wkoll valutazzjonijiet tar-riskju onlajn biex ikun żgurat li jiġu osservati miżuri preventivi u ta' sikurezza.*

*Sabiex jiġi indirizzat ir-riskju miżjud għall-vittmi ta' vjolenza domestika li kienu magħluqin ġewwa ma' dawk li abbużawhom, tniedu servizzi ġodda. L-Aġenzija għall-Għajnuna Legali introduċiet assistenza legali mingħajr ħlas 24 siegħa kuljum speċifikament għal vittmi ta' vjolenza domestika. Ġie ffirmat ukoll Memorandum ta' Qbil bejn il-Forza tal-Pulizija ta' Malta, l-Aġenzija għall-Għajnuna Legali u l-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Assistenza Soċjali biex ikun żgurat li l-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u vjolenza domestika jirċievu servizzi psikosoċjali u legali kif ukoll il-protezzjoni meħtieġa. Barra minn hekk, il-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali*




Bus shelter campaign in Filipino
Kampanja tax-xelters tal-karozzi tal-linja bil-Filippin.




Bus shelter campaign in English
*Kampanja tax-xelters tal-karozzi tal-linja bl-Ingliż*

the opportunity to leave their homes rather than remaining confined with their perpetrators.

In addition, several government entities and non-governmental organisations launched helplines to broaden the support available to victims of GBV and DV during the restrictive measures introduced during the pandemic. Helplines were set up by the Ministry for Education, the Foundation for Social Welfare Services, the Mental Health Services and the Women's Rights Foundation.

In August 2020, the Malta Police Force inaugurated a domestic violence virtual reality simulator at the Police Academy in Ta' Kandja to train Police Officers in raising their awareness on the matter and also equip them with the necessary skills when investigating such a crime.

National awareness-raising campaigns were coordinated by the Commission on Gender-Based Violence and Domestic Violence through the dissemination of informative material such as posters, leaflets and business cards with the contact numbers of service providers to pharmacies, supermarkets, grocers, banks, local councils, police stations and healthcare centres across Malta and Gozo. Radio clips with informative messages were also aired on several radio stations as part of the 'COVID awareness-raising campaign'.

Furthermore, through the EU co-funded project 'Breaking the Cycle of Violence', the Commission also coordinated a campaign with messages in various languages to be used on bus shelters across Malta and Gozo. Since social media usage has drastically increased during this time, the campaign was mainly focused on online sources and opted for online newspapers as its medium. Two messages were identified:

*"Are you a victim of domestic violence? Call now on 179 for help."*

*"Asking for help does not make you weak. Make the call on 179 for help."*

Through another EU co-funded project, 'GBV-SO Improving Support Structures for Victims

*estenda l-Iskema ta' Benefiċċju għall-Kera fuq l-Akkomodazzjoni Privata għal vittmi ta' vjolenza domestika, u għaldaqstant tahom l-opportunità li joħorġu minn djarhom minflok jibqgħu magħluqa ma' dawk li jabbużawhom.*

*Barra minn hekk, diversi entitajiet tal-gvern u organizzazzjonijiet mhux governattivi nedew 'helplines' biex iwessgħu l-appoġġ disponibbli lill-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u vjolenza domestika matul il-miżuri restrittivi introdotti matul il-pandemija. Ġew stabbiliti 'helplines' mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Assistenza Soċjali, is-Servizzi tas-Saħħa Mentali u l-Fondazzjoni tad-Drittijiet tan-Nisa.*

*F'Awwissu 2020, il-Forza tal-Pulizija ta' Malta inawgurat simulatur tar-realtà virtwali tal-vjolenza domestika fl-Akkademja tal-Pulizija f'Ta' Kandja biex tħarreġ lill-Uffiċjali tal-Pulizija biex titqajjem is-sensibilizzazzjoni tagħhom dwar il-kwistjoni u biex jiġu mgħammra wkoll bil-ħiliet meħtieġa meta jinvestigaw reat bħal dan.*

*Kampanji nazzjonali t'għarfien ġew ikkoordinati mill-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika permezz tat-tqassim ta' materjal informattiv bħal kartelluni, fuljetti u biljetti tal-viżta bin-numri ta' kuntatt tal-fornituri ta' servizz lil spiżeriji, supermarkits, ħwienet tal-merċa, banek, kunsilli lokali, stazzjonijiet tal-pulizija u ċentri tal-kura tas-saħħa madwar Malta u Għawdex. Siltiet tar-radju b'messaġġi informattivi xxandru wkoll fuq diversi stazzjonijiet tar-radju bħala parti mill-"kampanja t'għarfien tal-COVID".*

*Barra minn hekk, permezz tal-proġett kofinanzjat tal-UE "Inkissru ċ-Ċiklu ta' Vjolenza", il-Kummissjoni kkoordinat ukoll kampanja b'messaġġi f'diversi lingwi li għandha tintuża fix-xelters tal-karozzi tal-linja madwar Malta u Għawdex. Ladarba l-użu tal-midja soċjali żdied b'mod drastiku matul dan iż-żmien, il-kampanja kienet iffokata l-aktar fuq sorsi onlajn u għażlet gazzetti onlajn bħala l-midjum tagħha. Ġew identifikati żewġ messaġġi:*

*"Inti vittma ta' vjolenza domestika? Ċempel issa*

of Gender-Based Violence', the Commission in collaboration with SOS Malta and Victim Support Malta created several posters to address gender-based violence and domestic violence during the COVID-19 situation. The aim of this campaign was to raise awareness about how homes might not be safe for all during the lockdown period and thus encouraging persons experiencing abuse to seek help and report. These posters were translated into different languages namely Maltese, English, Italian, Serbian and French. The campaign also targeted bystanders such as neighbours, relatives and co-workers to take a stand and not turn a blind eye to violence.

Thus, during the pandemic restrictive measures, that is, between March and June 2020, government entities and NGOs working in the field of GBV and DV ensured that while abiding by safety measures, services were still made available to those seeking help. Various awareness-raising campaigns have also helped in spreading information and knowledge on services as well as to pass on the message of zero tolerance to violence.

*fuq 179 għal għajnuna."*

*"Li titlob l-għajnuna ma jfissirx li inti dgħajjef. Ċempel issa fuq 179 għal għajnuna."*

*Permezz ta' proġett ieħor kofinanzjat mill-UE, "GBV-SO Intejbu Strutturi ta' Appoġġ għal Vittmi ta' Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru", il-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni ma' SOS Malta u Victim Support Malta, ħolqot diversi kartelluni biex tindirizza l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika matul is-sitwazzjoni tal-COVID-19. L-għan ta' din il-kampanja kien li jitqajjem għarfien dwar kif id-djar jistgħu ma jkunux sikuri għal kulħadd waqt il-perjodu ta' lockdown u għaldaqstant ħeġġet lil persuni li jesperjenzaw abbuż biex ifittxu għajnuna u jirrappurtaw. Dawn il-kartelluni ġew tradotti f'lingwi differenti, b'mod partikolari l-Malti, l-Ingliż, it-Taljan, is-Serb u l-Franċiż. Il-kampanja kienet immirata wkoll lejn persuni fil-qrib bħal ġirien, qraba u kollegi biex jieħdu pożizzjoni u ma jagħlqux għajnejhom għall-vjolenza.*

*Għaldaqstant, matul il-miżuri restrittivi tal-pandemija, jiġifieri bejn Marzu u Ġunju 2020, entitajiet tal-gvern u NGOs li jaħdmu fil-qasam tal-GBV u d-DV żguraw li filwaqt li kienu osservati l-miżuri ta' sikurezza, is-servizzi xorta waħda kienu disponibbli għal dawk li fittxew l-għajnuna. Diversi kampanji ta' sensibilizzazzjoni għenu wkoll fit-tixrid ta' informazzjoni u għarfien dwar servizzi kif ukoll biex jgħaddu l-messaġġ ta' tolleranza żero għall-vjolenza.*



LOKALI BARRANIN EKONOMIJA UNJONI EWROPEA KURŻITAJIET WAQT IL-KAFÈ DJARJU 24/7 TEMP

COVID-19

## 15-il każ ġdid ta' Covid-19 f'Malta, 5 oħra mfejqa

Illum ġew ikkonfermati 15-il każ ġdid ta' Covid-19 f'Malta, wara li saru 1,670 swab. Dan wara li lbieraħ kienu kkonfermati 11-il persuna oħra. Fil-bulettin mediku tal-lum, is-Supretendent tas-Saħħa Charmaine Gauci...

L-Aħbarijiet Ewlenin

LOKALI

### Terremot ta' 5.7 fil-Baħar Mediterran

Matul il-lejl li għadda, għall-ħabta tas-1.43am seħħ terremot fil-Baħar Mediterran. It-theżżiża, li giet reġistrata wkoll fis-sistema sismika tad-Dipartiment tal-Fiżika, fl-Università ta' Malta, kejlet il-5.7 fuq l-iskala Richter. It-terremot seħħ 224km fil-Lbiċ...

KRONAKA

### Arrestata t-tieni persuna b'rabta ma' ħruq ta' residenza f'Ħal Luqa

Arrestat raġel ta' 39 sena minn Ta' Xbiex b'rabta ma' ħruq ta' residenza f'Ħal Luqa li seħħet f'Diċembru li għadda. Xogħol il-Pulizija mill-Iskwadra ta' Kontra r-Reati



GIFs on an online newspaper

*GIFs fuq gazzetta onlajn*



Hon. Rosianne Cutajar presenting a donation to Dar Merħba Bik

*L-Onorevoli Rosianne Cutajar tippreżenta donazzjoni lil Dar Merħba Bik*

# D. The Action Plan for 2021-2022

## 1. Integrated policies, legal measures and data collection

| MEASURES | ACTION | RESPONSIBLE ENTITY (MINISTRY) |
|---|---|---|
| 1.1 Ensure that Maltese legislation sufficiently safeguards victims of GBV and DV, and that it is effectively implemented | a. Monitor juridical developments<br>b. Monitor the implementation of relevant law | CDV (MJEG)<br>HRD (MJEG)<br>MHSE |
| 1.2 Ensure that laws and administrative procedures do not prevent migrant victims from leaving violent relationships due to fear of deportation, loss of legal status or revoked custody over their children | Update existing residence criteria regarding the residence status of victims of domestic violence. | HRD (MJEG)<br>MHSE<br>MFEA<br>Identity Malta |
| 1.3 Develop a coordinated and well-resourced multi-agency approach to increase capacity-building across agencies, in order to provide victims of GBV & DV with immediate comprehensive and coordinated support | a. Develop guidelines/protocols among service providers to strengthen multi-agency coordination and cooperation.<br>b. Strengthen the coordination of the interministerial committee for the implementation of the GBV & DV action plan led by CDV. | CDV (MJEG)<br>DoJ (MJEG)<br>CSA (MJEG)<br>Legal Aid Agency (MJEG)<br>MFED<br>MfH<br>MPF (MHSE)<br>FSWS (MFCS) |
| 1.4 Strengthen collaboration between national stakeholders and non-governmental organisations. | a. Set up quarterly meetings between national stakeholders and NGOs to discuss policy development and provision of services.<br>b. Develop and implement a multi-agency approach between national stakeholders and NGOs to ensure adequate and timely legal and psycho-social support for victims of GBV & DV.<br>c. Collaborate with NGOs in the delivery of training for professionals, design and implementation of awareness-raising campaigns and collection of data.<br>d. Collaborate with NGOs to actively participate in training programmes for professionals working in the field. | CDV (MJEG)<br>DoJ (MJEG)<br>CSA (MJEG)<br>Legal Aid Agency (MJEG)<br>MFED<br>MfH<br>MPF (MHSE)<br>DPP (MHSE)<br>FSWS (MFCS)<br>NGOs |

| | | |
|---|---|---|
| 1.5 Strengthen risk assessment and safety planning as standard procedure in crime prevention to prevent GBV & DV; and ensure special attention is given to high-risk victims who face repeated incidents of violence | a. Professionals to continue to carry out risk assessments with victims to determine the level of risk.<br>b. Develop guidelines and cooperation procedures among stakeholders which provides a set-up for sharing expertise and experience in handling high-risk cases, such as MARAM. | CDV (MJEG)<br>DoJ (MJEG)<br>CSA (MJEG)<br>Legal Aid Agency (MJEG)<br>MFED<br>MfH<br>MPF (MHSE)<br>DPP (MHSE)<br>FSWS (MFCS) |
| 1.6 Raise attention to GBV & DV at the EU and international levels demanding coordinated action. | Call on EU and international institutions to address GBV & DV as a human rights matter and issue the necessary strategies to tackle such forms of violence. | CDV (MJEG)<br>DoJ (MJEG) |
| 1.7 Establish a systematic collection of statistical data, disaggregated by gender, type of violence and the perpetrator-victim relationship in all fields. | a. Develop guidelines/protocols to collect disaggregated data across national service providers working in the field of GBV & DV.<br>b. Adhere to data collection guidelines issued from EIGE and as required by the Istanbul Convention. | CDV (MJEG)<br>DoJ (MJEG)<br>CSA (MJEG)<br>MfH<br>MPF (MHSE)<br>FSWS (MFCS) |
| 1.8 Conduct research on all forms of GBV & DV, including research on violence which affects specific groups of victims such as ethnic minorities, persons with a disability and the LGBTI+ community; and children witnessing violence. | a. Develop a memorandum of understanding with the University of Malta and the Malta College of Arts, Science and Technology to carry out academic research on GBV & DV.<br>b. Evaluate legislation and policy based on research findings to assess the level of implementation, efficacy and victim satisfaction. | CDV (MJEG)<br>MFED |
| 1.9 Carry out surveys on all forms of GBV & DV. | Participate and collaborate in the EU-wide population-based survey led by Eurostat. | CDV (MJEG) |

# D. Il-Pjan ta' Azzjoni għall-2021-2022

## 1. Politiki integrati, miżuri legali u ġbir ta' data

| MIŻURI | AZZJONI | ENTITÀ RESPONSABBLI (MINISTERU) |
|---|---|---|
| *1.1 Jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni Maltija tissalvagwardja b'mod suffiċjenti l-vittmi ta' GBV u DV, u li tiġi implimentata b'mod effettiv* | *a. Jiġu mmonitorjati żviluppi ġuridiċi*<br>*b. Tiġi mmonitorjata l-implementazzjoni tal-liġi rilevanti* | *CDV (MJEG)*<br>*HRD (MJEG)*<br>*MHSE* |
| *1.2 Jiġi żgurat li l-liġijiet u l-proċeduri amministrattivi ma jipprevenux lill-vittmi migranti milli jitilqu relazzjonijiet vjolenti minħabba biża' ta' deportazzjoni, telf ta' stat legali jew kustodja revokata fuq it-tfal* | *Jiġu aġġornati l-kriterji ta' residenza eżistenti fir-rigward tal-istat ta' residenza ta' vittmi ta' vjolenza domestika.* | *HRD (MJEG)*<br>*MHSE*<br>*MFEA*<br>*Identity Malta* |
| *1.3 Jiġi żviluppat approċċ bejn diversi aġenziji li huwa koordinat u b'riżorsi tajbin biex jiżdied il-bini ta' kapaċità fl-aġenziji kollha, sabiex il-vittmi ta' GBV u DV jiġu pprovduti b'appoġġ komprensiv u koordinat immedjat* | *a. Jiġu żviluppati linji gwida/protokolli fost fornituri ta' servizzi biex jissaħħu l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn diversi aġenziji.*<br>*b. Tissaħħaħ il-koordinazzjoni tal-kumitat interministerjali għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni dwar il-GBV u d-DV immexxi minn CDV.* | *CDV (MJEG)*<br>*DoJ (MJEG)*<br>*CSA (MJEG)*<br>*Legal Aid Agency (MJEG)*<br>*MFED*<br>*MfH*<br>*MPF (MHSE)*<br>*FSWS (MFCS)* |
| *1.4 Tissaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn partijiet interessati nazzjonali u organizzazzjonijiet mhux governattivi.* | *a. Jiġu organizzati laqgħat kull tliet xhur bejn partijiet interessati nazzjonali u l-NGOs biex jiġu diskussi l-iżvilupp tal-politika u l-provvediment ta' servizzi.*<br>*b. Jiġi żviluppat u implimentat approċċ bejn diversi aġenziji nazzjonali u NGOs biex ikun żgurat appoġġ legali u psikosoċjali adegwat u f'waqtu għall-vittmi ta' GBV u DV.*<br>*c. Kollaborazzjoni ma' NGOs fl-għoti ta' taħriġ għal professjonisti, id-disinn u l-implimentazzjoni ta' kampanji ta' t'għarfien u l-ġbir ta' data.*<br>*d. Kollaborazzjoni ma' NGOs għal parteċipazzjoni attiva fi programmi ta' taħriġ għal professjonisti li qed jaħdmu fil-qasam.* | *CDV (MJEG)*<br>*DoJ (MJEG)*<br>*CSA (MJEG)*<br>*Legal Aid Agency (MJEG)*<br>*MFED*<br>*MfH*<br>*MPF (MHSE)*<br>*DPP (MHSE)*<br>*FSWS (MFCS)*<br>*NGOs* |

| | | |
|---|---|---|
| *1.5 Jissaħħu l-valutazzjoni tar-riskju u l-ippjanar tas-sikurezza bħala proċedura standard fil-prevenzjoni tal-kriminalità biex jiġu evitati l-GBV u d-DV; u jiġi żgurat li tingħata attenzjoni speċjali lil vittmi ta' riskju għoli li jiffaċċjaw inċidenti ripetuti ta' vjolenza* | *a. Il-professjonisti jkomplu jwettqu valutazzjoni tar-riskju ma' vittmi biex jiddeterminaw il-livell ta' riskju.*<br>*b. Jiġu żviluppati linji gwida u proċeduri ta' kooperazzjoni fost partijiet interessati li jipprovdu bażi għall-kondiviżjoni tal-għarfien espert u l-esperjenza fl-immaniġġjar ta' każijiet ta' riskju għoli bħal MARAM.* | *CDV (MJEG)*<br>*DoJ (MJEG)*<br>*CSA (MJEG)*<br>*Legal Aid Agency (MJEG)*<br>*MFED*<br>*MfH*<br>*MPF (MHSE)*<br>*DPP (MHSE)*<br>*FSWS (MFCS)* |
| *1.6 Tinġibed l-attenzjoni għal GBV u DV fil-livell tal-UE u dak internazzjonali filwaqt li tintalab azzjoni koordinata.* | *L-UE u l-istituzzjonijiet internazzjonali jintalbu jindirizzaw il-GBV u d-DV bħala kwistjoni ta' drittijiet tal-bniedem u joħorġu l-istrateġiji meħtieġa biex jiġu indirizzati forom ta' vjolenza bħal dawn.* | *CDV (MJEG)*<br>*DoJ (MJEG)* |
| *1.7 Jiġi stabbilit ġbir sistematiku ta' data statistika, diżaggregata skont il-ġeneru, it-tip ta' vjolenza u r-relazzjoni bejn l-awtur tal-abbuż u l-vittma fl-oqsma kollha.* | *a. Jiġu żviluppati linji gwida/protokolli biex tinġabar data diżaggregata fost fornituri ta' servizzi nazzjonali li qed jaħdmu fil-qasam tal-GBV u d-DV.*<br>*b. Jiġu osservati l-linji gwida dwar il-ġbir ta' data kif maħruġ mill-EIGE u kif meħtieġa mill-Konvenzjoni ta' Istanbul.* | *CDV (MJEG)*<br>*DoJ (MJEG)*<br>*CSA (MJEG)*<br>*MfH*<br>*MPF (MHSE)*<br>*FSWS (MFCS)* |
| *1.8 Titwettaq riċerka dwar il-forom kollha ta' GBV u DV, inkluża riċerka dwar vjolenza li taffettwa gruppi speċifiċi ta' vittmi bħal minoranzi etniċi, persuni b'diżabilità u l-komunità LGBTI+; u tfal li jkunu xhieda ta' vjolenza.* | *a. Jiġi żviluppat memorandum ta' qbil mal-Università ta' Malta u l-Kulleġġ Malti għall-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija biex titwettaq riċerka akkademika dwar GBV u DV.*<br>*b. Jiġu evalwati l-leġiżlazzjoni u l-politika abbażi ta' sejbiet tar-riċerka biex jiġi vvalutat il-livell ta' implimentazzjoni, effikaċja u sodisfazzjon tal-vittma.* | *CDV (MJEG)*<br>*MFED* |
| *1.9 Jitwettaq stħarriġ dwar il-forom kollha ta' GBV u DV.* | *Parteċipazzjoni u kollaborazzjoni fl-istħarriġ ibbażat fuq il-popolazzjoni madwar l-UE kollha mmexxi minn Eurostat.* | *CDV (MJEG)* |




Meeting between the Government and NGOs
*Laqgħa bejn il-Gvern u l-NGOs*



## 2. Prevention

| MEASURES | ACTION | RESPONSIBLE ENTITY (MINISTRY) |
|---|---|---|
| 2.1 Promote awareness-raising campaigns to increase awareness among the general public on all forms of GBV & DV including online violence. | a. Conduct awareness-raising campaigns/ programmes on a regular basis.<br><br>b. Assess the impact of awareness-raising campaigns to better shape policy measures and service provision. | CDV (MJEG) |
| 2.2 Develop specific awareness-raising initiatives aimed at men and boys in order to mobilise them in taking an active part in combatting all forms of GBV & DV. | Develop awareness-raising campaigns to target the role of men and boys in ending GBV & DV. | CDV (MJEG)<br>FSWS (MFCS)<br>MFED |
| 2.3 Strengthen the teaching of all forms of GBV & DV, including the provision of more in-depth information on the characteristics and dynamics of DV and the specific vulnerability of victims at the intersection of discrimination, at all levels of education, adapted to the evolving capacity of learners. | Incorporate all forms of GBV & DV including the intersectional aspect in all national school curricula across all schools in Malta and Gozo. | MFED |
| 2.4 Introduce in educational settings dedicated guidelines/protocols/ evidence-based programmes that lay out the preventive action to be undertaken where indications of GBV & DV exist or there is a risk thereof, including cases of forced marriage and FGM. | Formulate guidelines/protocols to address preventive action to be used by all educators and healthcare professionals. | CDV (MJEG)<br>MFED<br>MfH |
| 2.5 Set up initial and in-service training on GBV & DV for all professionals working in the field. | a. Provide training in line with national legislation, emerging needs and research outcomes.<br><br>b. Provide training based on training needs analysis amongst professionals and strengthening of multi-agency cooperation; including training to the judiciary. | CDV (MJEG)<br>MFED<br>MfH<br>MPF (MHSE)<br>FSWS (MFCS) |
| 2.6 Engage the media and the private sector in addressing gender stereotypes, the prevailing acceptance of GBV & DV and discriminatory cultural norms. | a. Strengthen collaboration with the media and private sector through informative seminars.<br><br>b. Encourage the systematic use of the reporting guidelines for journalists when reporting cases of GBV & DV. | CDV (MJEG)<br>Broadcasting Authority |

## 2. Prevenzjoni

| MIŻURI | AZZJONI | ENTITÀ RESPONSABBLI (MINISTERU) |
|---|---|---|
| *2.1 Jiġu promossi kampanji t'għarfien biex jiżdied l-għarfien fost il-pubbliku ġenerali dwar il-forom kollha ta' GBV u DV inkluża l-vjolenza onlajn.* | *a. Jitmexxew kampanji/programmi t'għarfien fuq bażi regolari.*<br>*b. Jiġi vvalutat l-impatt ta' kampanji t'għarfien biex jitfasslu aħjar miżuri ta' politika u l-provvediment ta' servizzi.* | *CDV (MJEG)* |
| *2.2 Jiġu żviluppati inizjattivi speċifiċi t'għarfien mmirati lejn l-irġiel u s-subien sabiex jiġu mobilizzati biex jieħdu sehem attiv fil-ġlieda kontra l-forom kollha ta' GBV u DV.* | *Jitmexxew kampanji t'għarfien mmirati lejn ir-rwol tal-irġiel u s-subien biex jintemmu l-GBV u d-DV.* | *CDV (MJEG)*<br>*FSWS (MFCS)*<br>*MFED* |
| *2.3 Jissaħħaħ it-tagħlim tal-forom differenti kollha ta' GBV u DV, inkluż il-provvediment ta' informazzjoni aktar fil-fond dwar il-karatteristiċi u d-dinamika tad-DV u l-vulnerabbiltà speċifika tal-vittmi fl-intersezzjoni tad-diskriminazzjoni, fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, adattata għall-kapaċità evoluzzjonarja tal-istudenti.* | *Jiġu inkorporati l-forom kollha ta' GBV u DV inkluż l-aspett intersezzjonali fil-kurrikuli nazzjonali kollha fl-iskejjel kollha madwar Malta u Għawdex.* | *MFED* |
| *2.4 Jiġu introdotti f'ambjenti edukattivi linji gwida/protokolli/programmi bbażati fuq l-evidenza u ddedikati li jistabbilixxu l-azzjoni preventiva li trid tittieħed fejn jeżistu indikazzjonijiet ta' GBV u DV jew fejn hemm riskju tagħhom, inklużi każijiet ta' żwieġ sfurzat u FGM.* | *Jiġu fformulati linji gwida/protokolli biex tiġi indirizzata azzjoni preventiva li għandha tintuża mill-edukaturi u l-professjonisti tal-kura tas-saħħa kollha.* | *CDV (MJEG)*<br>*MFED*<br>*MfH* |
| *2.5 Jiġi stabbilit taħriġ inizjali u fis-servizz dwar GBV u DV għall-professjonisti kollha li qed jaħdmu fil-qasam.* | *a. Jiġi mogħti taħriġ f'konformità ma' leġiżlazzjoni nazzjonali, ħtiġijiet emerġenti u eżiti tar-riċerka.*<br>*b. Jiġi mogħti taħriġ abbażi ta' analiżi tal-ħtiġijiet tat-taħriġ fost professjonisti u t-tisħiħ ta' kooperazzjoni bejn diversi aġenziji, inkluż it-taħriġ għall-ġudikatura.* | *CDV (MJEG)*<br>*MFED*<br>*MfH*<br>*MPF (MHSE)*<br>*FSWS (MFCS)* |
| *2.6 Jiġu involuti l-midja u s-settur privat fl-indirizzar tal-isterjotipi tal-ġeneru, l-aċċettazzjoni prevalenti ta' GBV u DV u normi kulturali diskriminatorji.* | *a. Tissaħħaħ il-kollaborazzjoni mal-midja u s-settur privat permezz ta' seminars informattivi.*<br>*b. Jitħeġġeġ l-użu sistematiku tal-linji gwida ta' rappurtar għal ġurnalisti meta jirrappurtaw każijiet ta' GBV u DV.* | *CDV (MJEG)*<br>*Awtorità tax-Xandir* |



Induction training for specialised domestic violence police unit

*Taħriġ ta' induzzjoni għat-taqsima speċjalizzata tal-pulizija għall-vjolenza domestika*



Training for lawyers during '16 Days of Activism'

*Taħriġ għal avukati matul is-'16-il Jum ta' Attiviżmu'*



Signing of MoU between the Commission and MCAST

*Iffirmar ta' MoU bejn il-Kummissjoni u l-MCAST*

## 3. Protection and support

| MEASURES | ACTION | RESPONSIBLE ENTITY (MINISTRY) |
|---|---|---|
| 3.1 Ensure that victims receive adequate and timely information on available support services and legal measures. | a. Ensure up-to-date, accessible (both online and in hard copy) and readily available informative material across various agencies, also in various languages.<br><br>b. Provide information on victims' rights and access to services. | CDV (MJEG)<br>DoJ (MJEG)<br>CSA (MJEG)<br>Legal Aid Agency (MJEG)<br>MFED<br>MfH<br>MPF (MHSE)<br>DPP (MHSE)<br>FSWS (MFCS) |
| 3.2 Evaluate current legal practices and to what extent these are in effect protecting victims and their children. | Implement and monitor legal measures on protection orders. | CSA (MJEG)<br>MPF (MHSE) |
| 3.3 Guarantee victims' rights and interests at all stages of investigations and judicial proceedings. | a. Provide a safe environment for victims (including their children) through court accompaniment services during investigations and court hearings.<br><br>b. Provide information about the case, court proceedings and available services in the appropriate languages. | MPF (MHSE)<br>CSA (MJEG)<br>DoJ (MJEG) |
| 3.4 Provide victims with legal aid, psycho-social support and guarantee protection of witnesses. | Strengthen the implementation of the memorandum of understanding between the Legal Aid Agency, the Malta Police and the Foundation for Social Welfare Services. | Legal Aid Agency (MJEG)<br>MPF (MHSE)<br>FSWS (MFCS) |
| 3.5 Ensure that support services include age-appropriate psychosocial counselling for child witnesses of all forms of violence, providing due regard to the best interests of the child. | Strengthen the mechanism among service providers for the provision of psychosocial services and, where necessary, update the procedures related to consent for such services. | MFED<br>FSWS (MFCS) |

| | | |
|---|---|---|
| 3.6 Strengthen the national helpline to better address GBV & DV. | a. Strengthen current referral mechanisms among stakeholders to provide appropriate support to victims.<br><br>b. Develop guidelines/protocols to ensure confidentiality and anonymity for callers.<br><br>c. Implement at national level and support the EU-wide helpline specifically targeted at victims of GBV & DV. | FSWS (MFCS) |
| 3.7 Strengthen specialised services for victims of rape and sexual assault. | a. Ensure the prompt and efficient coordination between all professionals to implement the one-stop-shop service provided at the general hospital.<br><br>b. Develop sound protocols for the management of cases including referral structures. | MfH<br>MPF (MHSE)<br>FSWS (MFCS) |







Business card with contacts of government and non-governmental services

*Biljett tal-viżta b'kuntatti ta' servizzi tal-gvern u mhux governattivi*

## 3. Protezzjoni u appoġġ

| MIŻURI | AZZJONI | ENTITÀ RESPONSABBLI (MINISTERU) |
|---|---|---|
| *3.1 Jiġi żgurat li l-vittmi jirċievu informazzjoni adegwata u f'waqtha dwar servizzi t' appoġġ u miżuri legali disponibbli.* | *a. Jiġi żgurat materjal aġġornat, aċċessibli (kemm onlajn kif ukoll f'forma stampata) u faċilment disponibbli fid-diversi aġenziji, anke f'diversi lingwi.*<br>*b. Tiġi provduta informazzjoni dwar id-drittijiet tal-vittmi u l-aċċess għal servizzi.* | *CDV (MJEG)*<br>*DoJ (MJEG)*<br>*CSA (MJEG)*<br>*L-Aġenzija għall-Għajnuna Legali (MJEG)*<br>*MFED*<br>*MfH*<br>*MPF (MHSE)*<br>*DPP (MHSE)*<br>*FSWS (MFCS)* |
| *3.2 Jiġu evalwati prattiki legali kurrenti u sa liema punt dawn huma effettivi fil-protezzjoni tal-vittmi u t-tfal tagħhom.* | *Jiġu implementati u segwuti miżuri legali dwar ordnijiet ta' protezzjoni.* | *CSA (MJEG)*<br>*MPF (MHSE)* |
| *3.3 Jiġu ggarantiti d-drittijiet u l-interessi tal-vittmi fl-istadji kollha tal-investigazzjonijiet u proċedimenti ġudizzjarji.* | *a. Jiġi provdut ambjent sikur għall-vittmi (inklużi t-tfal tagħhom) permezz ta' servizz ta' akkumpanjament fil-qorti matul investigazzjonijiet u seduti ta' smigħ tal-qorti.*<br>*b. Tiġi provduta informazzjoni dwar il-każ, proċedimenti tal-qorti u servizzi disponibbli fil-lingwi xierqa.* | *MPF (MHSE)*<br>*CSA (MJEG)*<br>*DoJ (MJEG)* |
| *3.4 Tiġi pprovduta lill-vittmi għajnuna legali, appoġġ psikosoċjali u tiġi garantita l-protezzjoni tax-xhieda.* | *Tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-memorandum ta' qbil bejn l-Aġenzija għall-Għajnuna Legali, il-Forza tal-Pulizija ta' Malta u l-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Assistenza Soċjali.* | *L-Aġenzija għall-Għajnuna Legali (MJEG)*<br>*MPF (MHSE)*<br>*FSWS (MFCS)* |
| *3.5 Jiġi żgurat li s-servizzi t'appoġġ jinkludu għoti ta' pariri psikosoċjali adattati skont l-età għal tfal li jkunu xhieda tal-forom kollha ta' vjolenza, filwaqt li tingħata kunsiderazzjoni xierqa għall-aħjar interessi tat-tfal.* | *Jissaħħaħ il-mekkaniżmu fost fornituri ta' servizzi għall-provvediment ta' servizzi psikosoċjali u, fejn meħtieġ, jiġu aġġornati l-proċeduri relatati mal-kunsens għal dawn is-servizzi.* | *MFED*<br>*FSWS (MFCS)* |

| | | |
|---|---|---|
| *3.6 Tissaħħaħ il-'helpline' nazzjonali biex jiġu indirizzati aħjar il-GBV u d-DV.* | *a. Jissaħħu l-mekkaniżmi ta' riferiment attwali fost partijiet interessati biex jingħata appoġġ xieraq lill-vittmi.*<br>*b. Jiġu żviluppati linji gwida/protokolli biex jiġu żgurati l-kunfidenzjalità u l-anonimità ta' dawk li jċemplu.*<br>*c. Tiġi implimentata fil-livell nazzjonali u appoġġjata madwar l-UE kollha l-'helpline' mmirata speċifikament lejn il-vittmi ta' GBV u DV.* | *FSWS (MFCS)* |
| *3.7 Jissaħħu s-servizzi speċjalizzati għal vittmi ta' stupru u attakk sesswali.* | *a. Tiġi żgurata l-koordinazzjoni fil-pront u effiċjenti bejn il-professjonisti kollha biex jiġi implimentat is-servizz f'punt uniku pprovdut fl-isptar ġenerali.*<br>*b. Jiġu żviluppati protokolli sodi għall-ġestjoni ta' każijiet inklużi strutturi ta' riferiment.* | *MfH*<br>*MPF (MHSE)*<br>*FSWS (MFCS)* |

## 4. Prosecution

| MEASURES | ACTION | RESPONSIBLE ENTITY (MINISTRY) |
|---|---|---|
| 4.1 Equip the Police with the knowledge and powers to respond promptly and appropriately to all forms of GBV & DV. | a. Extend the remit of the Gender-Based and Domestic Violence Unit within the Malta Police Force to other forms of violence such as FGM and forced marriage<br><br>b. Strengthen the Police's legal obligation to respond, prevent and protect victims of GBV & DV across Malta and Gozo; and eliminate barriers to reporting encountered in Gozo. | MPF (MHSE)<br>AG |
| 4.2 Reduce the risk of secondary victimisation of victims of GBV & DV and protect the rights and interests of victims. | a. Ensure that courts have separate waiting areas for victims and perpetrators.<br><br>b. Implement the obligation for Police officers to interview the victim in a private room, separate from the alleged perpetrator.<br><br>c. Give victims the option to testify in the courtroom without being present or without the presence of the perpetrator.<br><br>d. Inform the victim when the perpetrator is released from prison/arrest or has escaped.<br><br>e. Ensure that police stations and courts are equipped to address and cater for the intersectional element of GBV & DV, such as migrants and persons with a disability. | CSA (MJEG)<br>MPF (MHSE)<br>AG |
| 4.3 Provide victims with adequate and timely access to legal counsel. | a. Strengthen the implementation of the memorandum of understanding between Legal Aid Malta, FSWS and the Malta Police Force.<br><br>b. Strengthen the Legal Aid Malta specialised unit for victims of GBV & DV. | Legal Aid Agency (MJEG)<br>MPF (MHSE)<br>FSWS (MFCS) |

| | | |
|---|---|---|
| 4.4 Ensure that police investigations and judicial proceedings in relation to GBV & DV are carried out in a timely manner. | a. Strengthen the coordination between FSWS and the Malta Police Force in assessing the risk and carrying out necessary investigations necessary for court proceedings.<br><br>b. Ensure that the judiciary prosecute and punish all forms of GBV & DV as stipulated by national law. | FSWS (MFCS)<br>MPF (MHSE)<br>DoJ (MJEG)<br>CSA (MJEG)<br>AG |



Signing of MoU between Legal Aid, Aġenzija Appoġġ and Police Victim Support Unit

*L-iffirmar ta' MoU bejn Għajnuna Legali, Aġenzija Appoġġ u t-Taqsima tal-Pulizija għall-Appoġġ tal-Vittmi*




Hon. Byron Camilleri at Press Conference for launch of domestic violence simulator

*L-Onorevoli Byron Camilleri fil-Konferenza Stampa għat-tnedija tas-simulatur tal-vjolenza domestika*

## 4. Prosekuzzjoni

| MIŻURI | AZZJONI | ENTITÀ RESPONSABBLI (MINISTERU) |
|---|---|---|
| *4.1 Il-Pulizija jiġu mgħammra bl-għarfien u s-setgħat biex iwieġbu fil-pront u b'mod xieraq għall-forom kollha ta' GBV u DV.* | *a. Jiġi estiż il-mandat tat-Taqsima tal-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u dik Domestika fi ħdan il-Forza tal-Pulizija ta' Malta għal forom oħra ta' vjolenza bħal FGM u żwieġ sfurzat.*<br><br>*b. Jissaħħaħ l-obbligu legali tal-Pulizija li jirreaġixxu għal, jipprevenu u jipproteġu l-vittmi ta' GBV u DV madwar Malta u Għawdex; u jiġu eliminati l-ostakoli għar-rappurtar iffaċċjati f'Għawdex.* | *MPF (MHSE)*<br>*AG* |
| *4.2 Jitnaqqas ir-riskju ta' vittimizzazzjoni sekondarja tal-vittmi ta' GBV u DV u jitħarsu d-drittijiet u l-interessi tal-vittmi.* | *a. Jiġi żgurat li l-qrati jkollhom żoni ta' stennija separati għall-vittmi u l-awturi tal-abbuż.*<br><br>*b. Jiġi implimentat l-obbligu li l-Pulizija jintervistaw lill-vittma f'kamra privata, separatament mill-allegat awtur tal-abbuż.*<br><br>*c. Tingħata l-għażla lill-vittmi li jixhdu fil-qorti mingħajr ma jkunu preżenti jew mingħajr il-preżenza tal-awtur tal-abbuż.*<br><br>*d. Il-vittma tiġi infurmata meta l-awtur tal-abbuż jinħeles mill-ħabs/arrest jew ikun ħarab.*<br><br>*e. Jiġi żgurat li l-istazzjonijiet tal-pulizija u l-qrati jkunu mgħammra biex jindirizzaw l-element intersezzjonali tal-GBV u d-DV, bħall-migranti u persuni b'diżabilità.* | *CSA (MJEG)*<br>*MPF (MHSE)*<br>*AG* |

| | | |
|---|---|---|
| *4.3 Il-vittmi jiġu pprovduti b'aċċess adegwat u f'waqtu għal parir legali.* | *a. Tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-memorandum ta' qbil bejn Għajnuna Legali Malta, FSWS u l-Forza tal-Pulizija ta' Malta.*<br><br>*b. Tissaħħaħ it-taqsima speċjalizzata Għajnuna Legali Malta għall-vittmi ta' GBV u DV.* | L-Aġenzija għall-Għajnuna Legali (MJEG)<br>MPF (MHSE)<br>FSWS (MFCS) |
| *4.4 Jiġi żgurat li l-investigazzjonijiet tal-pulizija u l-proċedimenti ġudizzjari fir-rigward ta' GBV u DV jitwettqu b'mod f'waqtu.* | *a. Tissaħħaħ il-koordinazzjoni bejn FSWS u l-Forza tal-Pulizija ta' Malta fil-valutazzjoni tar-riskju u jitwettqu l-investigazzjonijiet neċessarji għall-proċedimenti tal-qorti.*<br><br>*b. Jiġi żgurat li l-ġudikatura tħarrek u tikkastiga l-forom kollha ta' GBV u DV kif stipulat mil-liġi nazzjonali.* | FSWS (MFCS)<br>MPF (MHSE)<br>DoJ (MJEG)<br>CSA (MJEG)<br>AG |



Visit to Ta' Kandja by Hon. Rosianne Cutajar and the Commissioner following launch of simulator

*Żjara lil Ta' Kandja mill-Onorevoli Rosianne Cutajar u l-Kummissarju wara t-tnedija tas-simulatur*

# E. List of expected outcomes for 2021-2022

1. Monthly interministerial committee meetings to discuss and monitor the implementation of the strategy;
2. Quarterly meetings between NGOs and the interministerial committee to discuss service provision and policy development;
3. Quarterly awareness-raising campaigns on various themes in collaboration with the main stakeholders and NGOs;
4. Quarterly dissemination of information leaflets in various languages to schools, law courts, health centres, hospitals, community centres and hospitals in Malta and Gozo and district police stations;
5. Two annual progress reports on the implementation of the strategy;
6. Design and delivery of four specialised bespoke training programmes for professionals following training needs analysis;
7. Two in-service courses for professionals working directly in the field of GBV and DV;
8. Four information sessions with media houses and journalists;
9. Development of guidelines and/or protocols to address:

    a. The need for multi-agency coordination and cooperation;
    b. The implementation of MARAM;
    c. The need for data collection across service providers;
    d. Preventive action and risk assessment for educators and healthcare professionals to address all forms of violence including forced marriage and FGM;
    e. Victim protection and support at all stages (from filing a police report, to seeking psycho-social support and legal counsel, to law courts);
    f. Procedures of consent when providing support services and counselling for children witnessing violence; and
    g. The coordination of specialised services for victims of rape and sexual assault in hospitals.

10. Development of four memoranda of understanding between:

    a. The Commission on Gender-Based Violence and Domestic Violence and the University of Malta to explore research topics with the aim to carry out two in-depth research studies on an identified theme;
    b. The Commission on Gender-Based Violence and Domestic Violence and the Human Rights Directorate within MJEG to address legislative and policy measures on GBV & DV as well as the intersectional aspect of GBV and DV;
    c. The Commission on Gender-Based Violence and Domestic Violence and the Department of Justice within MJEG to coordinate the collection of data relative to GBV and DV from governmental organisations working in this field; and
    d. The Commission on Gender-Based Violence and Domestic Violence and NGOs to strengthen data collection for harmonisation purposes.

11. One population-based survey led by EUROSTAT and in collaboration between CDV and NSO;
12. Two external and independent audits to evaluate the implementation of the strategy for 2021-2022;
13. Issuance of an expression of interest targeted at all NGOs working in the field of GBV and DV to outline areas of specialisation to be used for training purposes.

# E. Lista ta' eżiti mistennija għall-2021-2022

1. *Laqgħat tal-kumitat ministerjali ta' kull xahar biex tiġi diskussa u monitorjata l-implimentazzjoni tal-istrateġija.*
2. *Laqgħat kull tliet xhur bejn NGOs u l-kumitat interministerjali biex jiġi diskuss il-provvediment ta' servizz u l-iżvilupp ta' politika;*
3. *Kampanji ta' sensibilizzazzjoni kull tliet xhur dwar diversi temi f'kollaborazzjoni mal-partijiet interessati ewlenin u l-NGOs;*
4. *It-tqassim kull tliet xhur ta' fuljetti ta' informazzjoni f'diversi lingwi lil skejjel, qrati tal-ġustizzja, ċentri tas-saħħa, sptarijiet, ċentri komunitarji u sptarijiet f'Malta u Għawdex, stazzjonijiet tal-pulizija distrettwali;*
5. *Żewġ rapporti ta' progress annwali dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija;*
6. *Id-disinn u t-twassil ta' programmi ta' taħriġ speċjalizzati u adattati għal professjonisti li jsegwu analiżi tal-ħtiġijiet tat-taħriġ;*
7. *Żewġ korsijiet fis-servizz għal professjonisti li qed jaħdmu direttament fil-qasam tal-GBV u d-DV;*
8. *Erba' sessjonijiet ta' informazzjoni ma' djar tal-midja u ġurnalisti;*
9. *L-iżvilupp ta' linji gwida u/jew protokolli biex jiġu indirizzati:*

    a. *Il-ħtieġa ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn diversi aġenziji;*
    b. *L-implimentazzjoni ta' MARAM;*
    c. *Il-ħtieġa ta' ġbir ta' data bejn il-fornituri ta' servizzi;*
    d. *Azzjoni preventiva u valutazzjoni tar-riskju għal edukaturi u professjonisti tal-kura tas-saħħa biex jiġu indirizzati l-forom kollha ta' vjolenza inklużi żwieġ sfurzat u FGM;*
    e. *Il-protezzjoni u l-appoġġ ta' vittmi fl-istadji kollha (minn rapport tal-pulizija, għat-tiftix ta' appoġġ psikosoċjali u parir legali, għall-qrati tal-ġustizzja);*
    f. *Proċeduri ta' kunsens meta jiġu pprovduti servizzi ta' appoġġ u għoti ta' pariri għal tfal li huma xhieda ta' vjolenza; u*
    g. *Il-koordinazzjoni ta' servizzi speċjalizzati għal vittmi ta' stupru u attakk sesswali fi sptarijiet.*

10. *L-iżvilupp ta' erba' memoranda ta' qbil bejn:*

    a. *Il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika u l-Università ta' Malta biex jiġu investigati suġġetti ta' riċerka bil-għan li jitwettqu żewġ studji ta' riċerka fil-fond dwar tema identifikata;*
    b. *Il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika u d-Direttorat tad-Drittijiet tal-Bniedem fi ħdan MJEG biex jiġu indirizzati miżuri leġiżlattivi u ta' politika dwar GBV u DV kif ukoll l-aspett intersezzjonali ta' GBV u DV;*
    c. *Il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika u d-Dipartiment tal-Ġustizzja fi ħdan MJEG biex jiġi koordinat il-ġbir ta' data fir-rigward tal-GBV u d-DV minn organizzazzjonijiet governattivi li qed jaħdmu f'dan il-qasam; u*
    d. *Il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika u l-NGOs biex jissaħħaħ il-ġbir ta' data għal finijiet ta' armonizzazzjoni.*

11. *Stħarriġ wieħed ibbażat fuq il-popolazzjoni mmexxi minn EUROSTAT u f'kollaborazzjoni bejn CDV u NSO;*
12. *Żewġ awditi esterni u indipendenti biex tiġi evalwata l-implimentazzjoni tal-istrateġija għall-2021-2022;*
13. *Ħruġ ta' espressjoni ta' interess immirata lejn l-NGOs kollha li qed jaħdmu fil-qasam tal-GBV u d-DV biex jiġu deskritti oqsma ta' speċjalizzazzjoni li għandhom jintużaw għal finijiet ta' taħriġ.*

# F. Monitoring and Evaluation

At the end of each quarter covered by this document, the Commission on Gender-Based Violence and Domestic Violence will draw up a report focusing on progress achieved in terms of implementation. The report will be discussed within the Interministerial Committee, and feedback taken on board. An annual report will be generated on the progress of the action plan and will be presented to the Minister responsible for gender equality.

Furthermore, recommendations put forward by GREVIO may lead to additional policy measures during the implementation period of this strategy and action plan.

# F. Monitoraġġ u Evalwazzjoni

*Fl-aħħar ta' kull tliet xhur koperti minn dan id-dokument, il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika tfassal rapport li jiffoka fuq il-progress miksub f'termini ta' implimentazzjoni. Ir-rapport jiġi diskuss fil-Kumitat Interministerjali, u jiġu kkunsidrati l-opinjonijiet varji. Ser jiġi ġġenerat rapport annwali dwar il-progress tal-pjan ta' azzjoni u dan jiġi ppreżentat lill-Ministru responsabbli għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri.*

*Barra minn hekk, rakkomandazzjonijiet imressqa minn GREVIO jistgħu jwasslu għal miżuri ta' politika addizzjonali waqt il-perjodu t'implementazzjoni ta' din l-istrateġija u ta' dan il-pjan t'azzjoni*

STOP VIOLENCE

Commission on Gender-based Violence and Domestic Violence

**Commission on Gender-Based Violence and Domestic Violence**

Zentrum Business Centre
Triq l-Imdina, Qormi

23279130

stopviolence@gov.mt

stopviolence.gov.mt

Commission on Gender-Based Violence and Domestic Violence